Ħaż-Żabbar
Città Hompesch

**Minuti tat-396 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar il-Erbgħa, 7 ta' Marzu, 2012**

Il-laqgħa bdiet fis-6.30 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Domenic Agius, ippresieda l-laqgħa.

<u>Item 1 – Attendenza u Apoloġiji</u>

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Domenic Agius, il-Viċi-Sindku s-Sur John J Pace u l-Kunsillieri s-Sur Joseph Buttigieg, is-Sur Mark Grech, is-Sur Joseph Bonnici u s-Sinjura Calleja.

Fis-6.45 ta' filgħaxija s-Sur Kevin Plumpton daħal għal laqgħa.

Fis-7.00 ta' filgħaxija s-Sur Keith Pisani daħal għal-laqgħa.

Is-Sur Robert Buhagiar kien skużat.

<u>Item 2 – Approvazzjoni tal-Minuti</u>

Fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill approva unanimament il-minuti tat-395 laqgħa.

<u>Item 3 – Mistoqsijiet u Affarijiet mill-Minuti</u>

Il-Viċi Sindku tkellem dwar il-laqgħa li kellu mas-Sinjura Charmaine Xerri mit-taqsima tal-psikjatrija fiċ-Ċentru tas-Saħħa ta' Raħal Ġdid. Matul din il-laqgħa s-Sinjura Xerri spjegat l-għajnuna li t-taqsima tagħti għal nies b'mard mentali.

Il-Viċi Sindku qara l-minuti tal-laqgħa li ġiet organizzata mill-Kunsill Pastorali Parrokjali u li għaliha attendiet ukoll ir-rapprezentanza tal-Kunsill Lokali.

Fis-6.45 ta' filgħaxija s-Sur Kevin Plumpton daħal għal laqgħa.

Is-Sur Bonnici tkellem dwar il-possibilita' li nhar ta' Tlieta jibda jinġabar biss l-iskart riċiklat mingħajr ma' jibqa' jinġabar l-iskart mħallat.

Fis-7.00 ta' filgħaxija s-Sur Keith Pisani daħal għal-laqgħa.

Is-Sur Grech qal li fl-opinjoni tiegħu dan it-tibdil m'għandux jiġi implimentat issa imma qabel għandha ssir kampanja edukattiva u għandhom jingħataw boroz grizi lir-residenti sabiex jiġu nkorraġġuti biex jisseparaw l-iskart. Is-Sur Grech ssuġġerixxa wkoll li fil-ġonna jitwaħħlu *bins* għal skart riċiklat.

Is-Sur Pisani qal li l-Kunsill għandu jsib mod kif tiġi implimentata din il-bidla u ssir kampanja edukattiva qabel jitwaqqaf il-ġbir tal-borza s-sewda nhar ta' Tlieta. Is-Sur Pisani ssuġġerixxa li fil-laqgħa li jmiss issir diskussjoni dwar kif l-aħjar mod li jitħaddem dan il-proġett.

Is-Sur Bonnici ppropona li ssir laqgħa mal-kumpanija *Greenpak* sabiex jinġabar aktar tagħrif ta' kif il-Kunsill u r-residenti jibbenifikaw jekk ikun hemm aktar skart li jiġi riċiklat. Is-Sur Buttigieg issekonda l-proposta tas-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament li nhar l-Erbgħa, 14 ta' Marzu 2012 issir laqgħa mal-kumpanija *Greenpak*.

Is-Sur Bonnici qal li l-arblu tad-dawl li nqala minn Misraħ is-Sliem qabel il-festa kien għadu ma twaħħalx u talab li jinstab mod kif l-arblu jkun jista' jinqala u jitwaħħal meta jkun hemm bżonn mingħajr ma ssir ħsara.

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva risposta mill-kumpanija Go sabiex jinqalu arbli tal-injam li hemm fi Triq Ħadd in-Nies. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li rapprezentanti tal-kumpanija Go kienu marru fuq il-post sabiex jaraw fejn hu l-aħjar post fejn jiġu spustjati.

Is-Sur Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill kienx irċeva risposta mill-GAL Xlokk dwar is-sejħa ta' interess li ressaq biex l-isqaq ta' Ħas-Sajjied jingħata wiċċ ġdid. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien ġie nfurmat li din is-sejħa kienet tressqet quddiem il-Bord ta' evalwazzjoni u fil-ġimgħat li ġejjien kellha tingħata risposta.

Is-Sinjura Calleja qalet li kienet irċeviet risposta dwar il-korsijiet *Women for Employment* u talbet sabiex jitqassmu *leaflet* lir-residenti dwar dawn il-korsijiet.

<u>Item 4 – Minuti tas-Sotto Kumitati</u>

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto Kumitati.

<u>Item 5 – Korrispondenza</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kien irċieva diversi rapporti dwar inċidenti li allegatament seħħu fi Triq Wied il-Għajn u fi Triq il-Kunvent fejn sewwieqa talbu kumpens mingħand il-Kunsill għall-ħsarat li ġarbu fil-vetturi tagħhom. Inqraw l-ittri ta' talbiet għal kumpens għad-danni li l-Kunsill irċieva mis-Sinjuri Dorianne Bonnici, Claudette Caruana Montaldo, Raymond Duca, Simon Mallia u Kevin Mercieca. Fuq proposta tal-Viċi Sindku li giet issekondata mis-Sur Buttigieg, il-Kunsill qabel unanimament li l-Kunsill m'għandux iġorr responsabilita' għall-allegati inċidenti u li

jresssaq dawn it-talbiet lill-avukat tal-Kunsill biex tintbgħat ittra ta' risposta lill-persuni li ressqu l-ilmenti tagħhom.

Inqrat korripondenza mibgħuta minn resident fi Triq iċ-Ċimiterju fejn talab lill-Kunsill sabiex isir *road hump* peress li f'din it-triq qed isir sewqan eċċessiv. Is-Sur Cauchi talab lill-Kunsill sabiex isiru ukoll *culverts* f'din it-triq peress li qed jinzamm kwantita ta' ilma tax-xita.

Is-Sur Grech semma l-possibilita' li ssir *road hump* fil-parti dejqa ta' Triq iċ-Ċimiterju.

Tressqet petizzjoni minn residenti li joqgħodu fi Triq Santa Domenika fejn talbu li ssir *road hump* f'din it-triq peress li qed isir sewqan eċċessiv. Dawn ir-residenti talbu ukoll li ssir grada fi Ġnien il-Kunsill sabiex ikun hemm aktar sigurta għat-tfal.

Is-Sur Grech talab li jsiru tabelli u sinjali tat-traffiku fi Triq Santa Domenika sabiex is-sewwieqa jnaqqsu l-veloċita'.

Fit-8.05 ta' filgħaxija is-Sur Pisani talab li jkun skużat.

Inqara invit mibgħut mill-Klabb tal-Futball St.Patrick FC fejn stiednu lis-Sindku u l-Kunsilliera jattendu għal riċeviment li ser isir nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Marzu, 2012 fl-okkażjoni tal-100 sena mit-twaqqif tal-Klabb.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Korporazzjoni Enemalta dwar is-*substation* li ser issir fi Triq l-Inkurunazzjoni. Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Korporazzjoni kienet qed tistenna l-permess mingħand il-MEPA sabiex isir dan il-proġett.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kummissjoni Parrokjali Adoloxxenti u Żgħażagħ Ħaż-Żabbar dwar l-attivitajiet li ser isiru nhar il-Ħadd, 13 ta' Mejju, 2012 u nhar il-Ħadd, 2 ta' Settembru, 2012. Is-Sindku talab li din il-korrispondenza tingħata lil Kunsillier is-Sur Buhagiar.

Inqrat korrispondenza mibgħuta minn *Noise Abatement Society of Malta* dwar il-laqgħa annwali li ser issir nhar is-Sibt, 17 ta' Marzu, 2012. Is-Sur Bonnici qal li kien ser jattendi għal din il-laqgħa.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Għaqda Madonna tal-Grazzja Banda San Mikiel dwar is-Serata Muziko Letterarja li saret f'Jum Ħaż-Żabbar li saret nhar l-1 ta' Frar.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsill ta' Montgeron dwar il-laqgħa taċ-Ċittadini u l-Assoċjazzjonijiet li ser issir bejn l-Erbgħa 24 u l-Ħamis 25 ta' Ottubru 2012.

**<u>Xogħol tal-Kunsill</u>**

**<u>Approvazzjoni ta' Finanzi</u>**

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għall-approvazzjoni tal-Kunsill is-*schedule of payments* għall-perjodu ta' bejn it-10 ta' Frar, 2012 u s-7 ta' Marzu, 2012 li kien jammonta għal €72,311.81. Dan ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sur Buttigieg li ġiet issekondata mis- Sur Bonnici.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq ukoll quddiem il-Kunsill il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Frar kien jammonta għal €140.10. Dan ukoll ġie approvat unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Buttigieg.

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jitlob id-devoluzzjoni ta' l-art f'Buleben iż-Żgħir sabiex din l-art tiġi zvillupata f'żona rekrejattiva. Is-Sur Bonnici ssekonda l-proposta tas-Sindku u l-Kunsill qabel unanimament li jitlob formalment id-devoluzzjoni ta' din l-art.

Inqrat korripondenza mibgħuta mil-perit William Lewis dwar ix-xogħlijiet ta' manutenzjoni li qed isiru fil-binjiet tal-Gvern. Il-Perit informa lill-Kunsill li l-kuntrattur ġie mitlub jirranġa l-ħsarat li saru waqt li kienu qed isiru x-xogħlijiet.

Inqrat korrispondenza oħra mibgħuta mill-perit William Lewis dwar ix-xogħol ta' manutenzjoni li qed isir fi Triq Ganni Bonavia. Il-Perit qal li peress li l-bini f'din it-triq ma kienx mibni kf suppost, il-bankini kellhom jibqgħu ta' l-istess wisgħa.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-perit tal-Kunsill lill-kuntrattur Vella Group dwar ix-xogħol li sar fi Triq Leli Tabone fejn il-kuntrattur ġie mitlub jissometti r-rizultati kollha tal-*asphalt* li għamel f'din it-triq.

<u>Aġġudikazzjoni tal-offerti għall-servizz ta' Ġbir ta' Skart Goff (ZLC 1/2012)</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li kienu ġew sottomessi sitt offerti għall-servizz ta' ġbir ta' skart goff (ZLC 1/2012). L-offerti mitfugħa kienu mingħand :

| <u>Kuntrattur</u> | <u>Prezz</u> |
|---|---|
| Adolf Baldacchino | €2.95 (per call) |
| Alexander Fenech | €2.19 (*per call*) |
| Christopher & Ronald Bezzina | €1.95 *(per call*) |
| David Grech | €3.00 *(per call*) |
| Silvio Delia | €2.25 (*per call)* |
| Jimmy Muscat | €2.10 (*per call)* |

Il-garanziji bankarji u d-dokumenti l-oħra kienu kollha sottomessi, mimlija u ffirmati mill-offerenti. Fuq proposta tas-Sur Bonnici li ġiet issekondata mis-Sinjura Calleja, il-

Kunsill qabel unanimament li tintgħazel l-offerta mingħand is-Sinjuri Christopher & Ronald Bezzina li kienet l-aktar offerta vantaġġjuża.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt għall-manutenzjoni ta' bankini u toroq (ZLC 1/2010) kien se jagħlaq fil-24 ta' Marzu 2012 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġedditx jew le dan il-kuntratt. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded dan il-kuntratt għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

Inqraw il-minuti tal-23 laqgħa tal-Kumitat Amministrattiv St Peter's. Dawn ġew approvati unanimament fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mill-Viċi Sindku.

Fit-8.15 ta' filgħaxija is-Sur Plumpton talab li jkun skużat.

**Affarijiet Oħra**

Il-Viċi Sindku talab li jitwaħħlu tabelli u sinjali tat-traffiku fi Triq tal-Labour ma' Triq Kunsill ta' l-Ewropa.

Il-Viċi Sindku talab sabiex isir *refresh* tas-sinjali tat-traffiku fi Triq Salvu Astarita ma' Triq Santa Marija.

Is-Sur Bonnici talab lill-Kunsill jikteb lill-Transport Malta sabiex tiġi rranġata l-bankina fi Triq il-Mina ta' Hompesch ma' Triq il-Ġilju peress li kien qed izomm l-ilma.

Is-Sur Bonnici ppropona li tiġi rranġata bankina li hemm fi Triq iċ-Ċikas. Is-Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Bonnici u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Grech ippropona li tiġi rranġata bankina fi Triq l-Inħassa ma' Triq Caligari. Il-Viċi Sindku ssekonda l-proposta tas-Sur Grech u l-Kunsill qabel unanimament.

Is-Sur Bonnici semma l-bżonn li jiġi rranġat l-ħadid ta' madwar is-*soft area* li hemm fi Triq iċ-Ċawsli.

Is-Sur Buttigieg talab sabiex jiġi rranġat it-*timer* tad-dawl li hemm fi Ġnien il-Kunsill.

Is-Sur Buttigieg talab li jsiru *parking bays* fi Triq Santa Duminka minn Triq il-Kittien sa Triq Bormla.

Is-Sur Buttigieg talab li titwaħħal *bollard* fi Triq il-Biċċieni. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kienet intalbet l-approvazzjoni ta' *Transport Malta* biex titwaħħal din il-*bollard*.

Is-Sur Buttigieg qal li meta sar xogħol ta' manutenzjoni fuq il-kaptelli tal-konkos fi Triq il-Kbira uħud minnhom ingħalqu, bil-konsegwenza li qed izomm ħafna ilma.

Is-Sur Buttigieg talab li jsir *patching* fi Triq Santa Marija.

Is-Sinjura Calleja talbet li jsir *patching* fi Triq San Anard ma' Triq Fwieni.

Is-Sinjura Calleja semmiet il-bżonn li tingħalaq trinka tas-servizzi tal-ilma li saret fi Triq San Ġuzepp fil-parti dejqa.

Is-Sur Grech talab sabiex tiġi rranġata tabella fi Triq il-Kbira.

Is-Sur Grech talab li terġa titwaħħal *bollard* quddiem residenza Gemini fi Triq Alessio Erardi peress li din kienet inqalgħet meta sar xogħol ta' manutenzjoni fuq il-bankina.

Is-Sur Grech qal li kien iltaqgħa ma' rapprezentanti tal-Koperattiva Tabelli u Sinjali tat-Traffiku sabiex isiru tabelli ta' one-way fi Triq Leli Tabone kif ukoll sabiex isiru sinjali tat-traffiku fi Triq iċ-Ċulqana, Triq G Agius Muscat u toroq ta' madwar.

Is-Sur Grech semma l-bżonn li tiġi rranġata triq fi Triq Felice naħa ta' Triq Santa Domenika.

Il-laqgħa spiċċat fid-9.25 ta' filgħaxija.

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fit-397 laqgħa li saret nhar il-Erbgħa, 4 ta' April, 2012.

Domenic Agius
Sindku